MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 198/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmelo Cauchi**

**Illum, 8 ta' Marzu, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghall-perjodu tas-16 ta' Dicembru, 2008 sat-3 ta' Jannar, 2009 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil martu Emanuela Cauchi w/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tibdel, tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi thassaraha w tirrevokaha in kwantu l-piena li giet inflitta w minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern, u tikkonfermaha mill-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal piena li fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha hawn fuq deskritti tal-appellant u stante li d-detenzjoni tista' tkun ta' detriment ghal sahhet l-appellant.

Ikkunsidrat :

L-appellant qieghed jintavola dan l-appell limitatament ghall-piena peress illi jidhrilhu illi sforz ic-cirkostanzi illi kostrett jghix fihom, gimgha detenzjoni kienet se tkun ta' pregudizzju kbir ghalih kemm personalment kif ukoll finanzjarjament.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa separat minn martu Emanuela. Jidher illi din is-separazzjoni hija wahda miggielda sew b'hafna kawzi ntavolati bejn il-partijiet u mhux l-ewwel darba illi l-appellant mar jiskonta detenzjoni wara nuqqas ta' hlas ta' manteniment lill-martu.

L-appellant ma jahdimx ghax gie "borded out" f'Marzu ta' 2007 u l-penzjoni tieghu hija ridotta drastikament kull darba illi jiskonta xi perjodu ta' detenzjoni. Semma wkoll illi d-dar matrimonjali ma tistax tinbiegh qabel seba' snin u ma setax jasal f'arrangament ma' martu ghal dan il-bejgh

sabiex mir-rikavat ikun jista jithallas il-manteniment u l-arretrati tieghu.

Dawn il-fatti gew imressqa quddiem il-Magistrat waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2009 izda minkejja dan, il-Qorti ma kkordatlux zmien sabiex ihallas xi ftit mill-arretrati w ghaddiet biex tikkundannah ghal gimgha detenzjoni.

Ikkunsidrat :

Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk il-procediment ikun wiehed regolari w mhux censurabbli.

Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmelo Schembri" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali 28.04.1995, dik il-Qorti qalet :
*"hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha."*

Wara illi l-Qorti semghet it-trattazzjoni, rat l-atti u nnotat specjalment il-fedina penali tal-appellant, illi huwa "a habitual offender" fil-hlas ta' manteniment lejn martu u illi l-appellant ghandu atteggjament dejjem negattiv fil-konfront tal-obbligazzjonijiet tieghu lejha.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti kien wiehed korrett u ragjonevoli w l-Qorti setghet legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Ghalhekk mhux il-kaz illi dik is-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------